**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar, 2016**

Talba Numru: 909/2009JB

Kawza Numru: 39

**Middlesea Insurance p.l.c. hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' Anthony Zahra (ID 333045M) ghal Alpine Rent-A-Car Limited u l-istess Anthony Zahra ghal Alpine Rent-A-Car Limited kif ordnat b'digriet tat-Tribunal tal-1 ta' Gunju 2011 u b'digriet iehor tat-Tribunal tal-21 ta' Ottubru 2015 isem is-socjeta' attrici gie korrett ghal "Mapfre Middlesea p.l.c."**

***vs***

**Kevin Azzopardi (K.I.: 78078M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar it-28 ta' Ottubru 2009 li jaqra' hekk:

> Is-socjeta' attrici titlob lil dana t-tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' €3741.04 liema ammont qed jigi ridott ghas-somma ta' €3494.06 (ai fini ta' kompetenza ta' dan it-tribunal) rapprezentanti *excess payment* u danni li gew ikkagunati lill-vettura proprjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici u cioe' s-Sur Anthony Zahra liema danni gja' ghamlet tajjeb ghalihom l-istess socjeta' attrici wara li l-assikurat hallas l-ammont ta' excess ta' €116.47c liema danni gew ikkagunati meta l-istess karozza tal-ghamla Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni IGY-035, nhar il-16 ta' Marzu 2008, gewwa Trejqet il-Kampanjol, Naxxar limiti ta' Bahar ic-Caghaq kienet qed tigi misjuqa minn certu Joseph Gatt, u cioe' x-xufier li kien qed jahdem ma' Zahra, kienet involuta f'incident li gie ikkagunat unikament minhabba negligenza tal-konvenut u dana minhabba l-kundizzjoni li fiha huwa halla t-triq *de quo* waqt li hu kien qed jibni hajt madwar l-ghalqa tieghu liema triq certament gie rez perikoluz u mhux idoneju ghas-sewqan minhabba l-agir illegali ta' l-istess konvenut tant li b'hekk sehh l-incident in kwistjoni. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Novembru 2008 bin-numru 4814/08.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tas-16 ta' Dicembru 2009;

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat, ipprezenta risposta li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

> It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-incident de quo ma sehhx ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.
> Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-ammont ta' danni likwidati huma ezorbitanti.
> Salv kull eccezzjoni ohra permessa mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju 2010 fejn id-difensur tal-Konvenut talab li jipprezenta risposta ulterjuri;

Ra n-nota prezentata nhar id-19 ta' Mejju 2010 fejn is-Socjeta Attrici laqghet ghat-talba billi issottomettiet li kontestwalment kienet qieghdha tirrikorri ghal korrezzjoni fl-okkju tal-kawza;

Ra r-rikors ipprezentat nhar id-19 ta' Mejju 2010 stess fejn is-Socjeta Attrici talbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza;

Ra l-provvediment moghti nhar l-1 ta' Gunju 2011 fejn it-Tribunal laqa' t-talba ghall-korrezzjoni fl-okkju;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-kontendenti;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-odjerna kawza l-Atturi qeghdin jitolbu r-risarciment ta' danni allegatament sofferti fuq il-vettura tal-Attur *nomine*, assikurata mas-Socjeta Attrici. Il-Konvenut qieghed jilqa' ghal din l-azzjoni billi jghid li mhuwiex responsabbli fil-waqt li qieghed jikkontesta l-*quantum* tal-allegati danni in kwantu dawn huma "ezorbitanti";

In sostenn tal-azzjoni taghhom, l-Atturi ressqu diversi xhieda;

Rosette Calafato xehdet (a fol 81) li l-Attur kien assigurat mas-Socjeta Attrici bil-vettura IGY035 liema vettura kienet involuta f'incident stradali u dwarha sar *claim*. Is-Socjeta Attrici hallset is-somma ta' €3,665.33 wara li tnaqqset minnhom is-somma ta' €116.47 in linea ta' *excess*;

Ivor Robinich xehed (a fol 143) li hu rapprezentant tal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) u li t-taghrif li nghata fuq l-ingunzjoni ma kellux x'jaqsam mal-mertu tal-kawza. Meta rega' gie prodott, Robinich xehed (a fol 152) li minn ricerki li ghamel fuq isem il-Konvenut u ma sab la applikazzjonijiet u lanqas permessi;

Is-Surgent Maggur 38 Paul Zahra xehed li fis-16 ta' Ottubru 2008 mar fil-post tal-incident fil-Maghtab u sab il-vettura go ghalqa. Qal li x-xufier tal-vettura kien allega li xoghol ta' kostruzzjoni li kien qieghed isir ma kienx kopert bil-permessi u ghalhekk involva lill-MEPA. Zahra jghid x'ikkonstatata. Jghid li ma kienx hemm sinjali li kienu ghaddejjin xi xogholijiet izda ddeskriva t-triq bhala "*dusty*". Jghid li hu ma kkonstatax ostakli tant li ghall-ewwel

lanqas induna li kien hemm habta. Jghid li t-triq fiha hafna tidwir u hija dejqa. Zahra ipprezenta wkoll okkorrenza mis-sistema tal-Pulizija (a fol 146);

Julian Sciberras xehed (a fol 157) li hu wiehed mis-sidien tal-Everest Garage u spjega x-xogholijiet li saru fuq il-vettura mertu tal-kawza. Jghid li l-*parts* gabhom minghand Alfred Gatt. Jghid li l-vettura kellha danni estensivi u t-tiswija saret skond is-*survey report*. Jghid li s-*surveyor* kien Peter Bonnici. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-kont tieghu (a fol 160) minn fejn jirrizulta li l-ispiza kienet ta' €1,706.91;

Peter Bonnici xehed (a fol 168) li kien spezzjona l-vettura fil-kapacita tieghu ta' *surveyor*. Jghid li din il-vettura kienet involuta f'diversi incidenti awtomobilistici tant li hu ghamel madwar tlieta jew erba' *surveys* differenti fuqha. Ghad li ma kkonfermax is-survey a fol 19 – li kien jirreferi ghal incident separat, ikkonferma dak a fol 161 li jsejjahlu s-*survey* "ahhari". Ikkonferma li l-vettura kienet qed tissewwa ghand l-Everest Garage;

Patrick Rausi xehed (a fol 193) u kkonferma l-fatturi a fol 14 sa 17. Jghid li minhabba n-natura tal-incident kien hemm il-htiega li jinqala' *crane* u mhux *tow truck*;

Sandro Gatt xehed (a fol 194) u kkonferma l-fatturi a fol 12 sa 13. Jghid li l-kumpannija tieghu mghamlietx xoghol fuq il-vettura imma forniet il-*parts*;

Joseph Gatt xehed (a fol 205) li hu kien is-sewwieq tal-vettura dak in-nhar tal-incident. Dwar id-dinamika tal-incident jghid hekk:

> Jiena kont qed insuq Toyota IGY 035 u meta kont qed indur id-dawra kien hemm, bqajt ghaddej dritt u go gandott u spiccajt fil-gandott kelli nohrog minn naha l-ohra u l-karozza kellha tittella bil-*crane*. Jien qed nara r-ritratt a fol 38 u qed nghid li dan huwa fejn sehh l-incident u bi vlegga qed nuri d-direzzjoni u ta' minn fejn kont gej qabel l-incident. Ma l-art kien hemm l-ghabra ta' meta wiehed ikun qed jaghmel ix-xoghol tat-thaffir. Jien ma kontx qed insuq u ma kienx hemm sinjali fit-triq li juru li kien hemm gandott. Kien hemm ix-xahx mal-art. Fol 22 hemm il-karozza kif spiccat wara l-incident u qed naghraf lili nnifsi fir-ritratt. Il-hsara li kellha l-karozza maz-zewg ignub u quddiem [huma] estensivi. Il-gandott kien totalment miftuh kif jidher fl-istess ritratti. Nara r-ritratti a fol 38 *et seq* tal-process li juru l-gandott u d-danni fil-vettura u ritratti ohra li ghandhom x'jaqsmu ma dan l-indicent.

Nicholas Zahra xehed (a fol 206) li hu direttur tas-socjeta Alpine Rent-a-Car Limited. Jghid li thallas "*xi excess*".

Min-naha tieghu, il-Konvenut xehed hu stess u pprezenta xi dokumenti;

Meta xehed il-Konvenut (a fol 215) dan stqarr li hu sid l-art fejn gara l-incident mertu tal-kawza. Jghid li ghamel konvenju dwar din l-art fid-9 ta' Novembru 2007 u akkwistaha b'kuntratt definittiv fi Frar 2008. Spjega li meta akkwistaha, l-art ma kellhiex *boundary wall,* ghalhekk applika mal-MEPA ghall-permess biex jibni dan il-hajt. Jghid li applika meta kien ghadu fuq konvenju sabiex imbaghad inhareg *Development Notification Order* (DNO) fis-16 ta' Mejju 2008 (a fol 220). Jghid li l-incident mertu tal-kawza gara f'Marzu tal-2008 jigifieri wara li kien applika sabiex jibni l-hajt imma qabel ma kien hareg id-DNO. Minkejja li ma kellux il-permess biex jibni l-hajt kien ghamel xi *tape* mad-dawra tas-sit sabiex min ikun gej jara u jinduna illi m'hemmx hajt. Jghid illi kif jidher proprju fir-ritratt a fol 51 beda jtella' l-hajt biex izomm it-triq minkejja li d-DNO ma kienx ghadu mahrug. Jispjega li kif jidher fir-ritratt kien hemm qisu filata 'l fuq mill-wicc tat-triq. Jghid li hu sar jaf li kien gara l-incident ghaliex kien cempillu missieru li ghandu xi raba' l-Maghtab u avzah li kien waqa' xi hadd b'karozza fl-ghalqa. In kontro-ezami, il-Konvenut ikkonferma li l-propjeta' mertu tal-kawza

fil-gurnata tal-incident kienet tieghu. Ikkonferma li x-xoghlijiet li kienu lahqu saru fis-sit in kwistjoni kienu saru fuq struzzjonijiet tieghu minkejja li ma kienx ghadu hareg id-DNO. Jikkonferma li dak inhar tal-incident kien ghad hemm xogholijiet ghaddejin fuq il-post. Ikkonferma li ma kien hemm xejn izjed barra knaten u *tape* bhala indikazzjoni li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet.

Ikkunsidra;

Illi qabel xejn it-Tribunal irid jistabilixxi min hu responsabbli ghall-akkadut;

Illi minn ezami tar-ritratti li jinsabu a fol 23 *et seq* tal-process, jidher bic-car li l-incident mertu tal-kawza sehh f'zona rurali, fi triq kampestri ghad li mir-ritratti tidher asfaltata. Jidher bic-car li t-triq altru milli hi dritta u mhemmx bzonn ta' hafna hsieb biex wiehed jifhem li f'dawk l-inhawi ghandu jsuq b'certu kawtela;

Illi jrid jinghad li meta sehh l-incident, il-Konvenut kien sid l-art u kien beda jibni *boundary wall* madwar l-ghalqa li kien qed jakkwista ghad li ma kienx ghadu gie approvat DNO;

Illi mix-xhieda li xehdu fil-mori tal-kawza dwar ir-responsabbilita, irrizulta dan li gej:

- Is-sewwieq xehed li waqt li kien qieghed isuq il-vettura Toyota IGY 035 "*...meta kont qed indur id-dawra kien hemm, bqajt ghaddej dritt u go gandott u spiccajt fil-gandott kelli nohrog minn naha l-ohra...*";
- Is-Surgent Maggur 38 Paul Zahra spjega x'ra u fir-rapport li hu rrediga (a fol 146) nizzel dak li qallu *a tempo vergine* l-Konvenut. Hu kkonferma li ma kienx hemm sinjali li kienu ghaddejjin xi xogholijiet u qal li t-triq kienet "*dusty*", kif jinghad ukoll fir-rapport tal-okkorrenza. Ikkonferma li t-triq fiha hafna tidwir u hija dejqa;
- Il-Konvenut min-naha tieghu xehed li l-ghalqa ma kellhiex *boundary wall*. Qal li beda jhammel sabiex jibni l-hajt u li kien ghamel xi *tape* mad-dawra tas-sit sabiex min ikun gej jara u jinduna illi m'hemmx hajt;

Illi jrid jigi rilevat li ghad li s-sewwieq meta kellem lis-Surgent Maggur (kif jirrizulta mir-rapport tal-okkorrenza a fol 146) qal li "*...as I went round the bend I applied the brakes as construction work was in progress in that area and my car skidded on the dust and I lost control of the vehicle and fell in a field below*" izda meta xehed illimita ruhu ferm f'dak li qal;

Illi fix-xhieda saret riferenza ghar-ritratti pprezentati mill-Atturi. It-Tribunal kellu l-opportunita jezamina bir-reqqa dawn ir-ritratti u jrid jinghad li minnhom ma jidher ebda gandott imma tidher art imhammla u struttura baxxa b'sembjanza ta' pediment ghal *boundary wall*. Id-dizlivell bejn it-triq u l-art imhammla huwa ta' madwar zewg filati. F'partijiet jidher li hemm kantun 'il fuq mill-wicc tat-triq u f'partijiet ohra jidher li mhemmx. Jidhru wkoll xi *bricks* bhala sinjal u xi *tape*;

Illi bir-rispett kollu, hu car li bit-thammil tbaxxa' l-livell tal-hamrija u b'hekk din l-ghalqa giet reza aktar perikoluza u fil-fehma tat-Tribunal kien imiss lill-Konvenut li jiehu prekawzjonijiet sabiex ma jizdiedx il-periklu. Mill-banda 'l ohra, irrizulta car li t-triq hija dejqa u li s-sewwieq kellu jsuq b'certa kawtela. L-argument li kien hemm it-trab fit-triq ma jregix;

Ghalhekk, it-Tribunal a bazi ta' dak li rrizulta mill-assjem tal-provi, iqis li r-responsabbilita ghandha tigi sopportata bejn il-kontendenti, nofs kull naha;

Konsegwentement, it-Tribunal se jichad l-ewwel eccezzjoni *in parte*;

Illi fejn imiss mat-tieni eccezzjoni, it-Tribunal iqis li ghandu jistrieh fuq dak li xehed is-*surveyor*, u billi mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-valur tal-hsarat huwa superjuri ghall-ammont tat-talba, qieghed jillimita d-decizjoni tieghu ghal dak mitlub fl-avviz tat-talba;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi, fil-waqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni *in parte* u jichad it-tieni eccezzjoni tal-Konvenut, jikkundanna lill-Konvenut sabiex ihallas lill-Atturi is-somma ta' elf seba' mija u sebgha u erbghin euro (€1,747). L-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-Atturi u l-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*